**QORTI CIVILI**
**PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

**Seduta tal-Erbgha 1 ta' Marzu, 2017**

**Rikors Numru: 480/2014JPG**
**Kawza Numru: 24**

**Maria Antonia Agius ID 356559M,**
**Mary Azzopardi ID 740852M**
**u Carmen Micallef Grimaud ID 239648M**

**VS**

**Mary Carmen sive Marlene Tua**
**ID 941247M**

**f'isimha personali kif ukoll ghan-**
**nom u in rappresentanza ta'**
**Gardenia* School**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Maria Antonia Agius ID 356559M, Mary Azzopardi ID 740852M u Carmen Micallef Grimaud ID 236648M** datat 2 ta' Gunju 2014, li jaqra hekk:

> *1. Illi t-tlett rikorrenti kienu impjegati għal numru ta' snin konsiderevoli bħala għalliema 'full-time' mal-Iskola Garendon School li kienet topera minn Triq l-Imdina, Ħaż Żebbuġ, Malta, kif ukoll membri għal numru ta' snin konsiderevoli tal-Malta Union of Teachers kif jirriżulta mill-affidavits u mid-dokumenti annessi ma' dan ir-rikors ġuramentat;*

*2. Illi matul tali snin ta' mpjieg, l-esponenti rikorrenti kienu jaqdu d-dmirijiet tagħhom b'dedikazzjoni, esperjenza u professjonalita' kif saħansitra rikonoxxut mill-Prinċipal tal-istess skola konvenuta Garendon School kif jirriżulta wkoll mill-provi annessi mal-affidavits tar-rikorrenti annessi ma' dan ir-rikors ġuramentat;*

*3. Illi permezz ta' żewġ Collective Agreements bejn il-Malta Union of Teachers (ta' liema Union ir-rikorrenti huma Membri kif spjegat) wieħed referibbli għal Garendon School (Kindergarten) u l-ieħor għall-Iskola Primarja tal-Garendon School milħuq fid-29 ta' Marzu 2000 (kopja ta' liema qed jiġu annessi flimkien ma' l-affidavit ta' Franklin Barbara – Segretarju Ġenerali tal-Malta Union of Teachers liema affidavit jinsab anness bħala* ***Dok A*** *) ġie fost oħrajn provdut fl-Artikolu 17 tal-istess Ftehim li f'każ illi l-awtoritajiet ta' l-iskola jiddeċiedu li jagħlqu l-iskola, jew f'każ illi l-iskola tgħaddi għand sidien ġodda, terminal benefits ekwivalenti għal sena paga kellhom jitħallsu lil kull impjegat bħala terminal benefits;*

*4. Illi kif jirriżulta mill-ETC Termination Forms rispettivi tat-tlett rikorrenti kif preżentati rispettivament ma' l-affidavits tagħhom annessi ma' dan ir-rikors ġuramentat bħala* ***Dok B, Ċ u D****, l-impjieg tagħhom ma' Garendon School safa' tterminat b'mod effettiv mit-30 ta' Ġunju 2013 bir-raġuni mogħtija għal tali terminazzjoni tkun 'Business Closed Down';*

*5. Illi minkejja dak provdut permezz tal-Collective Agreement imsemmi fit-tieni premessa ta' dan ir-Rikors Ġuramentat, u minkejja t-tentattivi li saru biex jiġu ndirizzati l-pendenzi li nqalgħu fir-rigward, fosthom billi r-rikorrenti interpellaw lil Garendon School u lill-konvenuta għal kull interess li jista' jkollha personalment permezz ta' ittra uffiċjali preżentata fl-24 ta' Jannar 2014 (kopja ta' liema qed tiġi preżentata bħala Dok.* ***E****) għall-ħlas tas-somma kollha dovuta lil kull waħda mir-rikorrenti, tali talba ġiet miċħuda permezz ta' risposta preżentata fil-21 ta' Frar 2014 (kopja ta' liema tinsab*

*annessa bħala* **Dok. F***) fejn fost oħrajn ingħad li tali pretensjonijiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*6. Illi minkejja li l-Prinċipal tal-Iskola, u ċioe' l-intimata konvenuta Mary Carmen sive Marlene Tua, meta rinfaċċjata b'dak provdut mill-Collective Agreement hawn fuq imsemmi, bdiet iġġib l-iskuża li l-Collective Agreement kien skadut, il-prassi u konswetudni konsistenti u magħrufa, referibbli għal Collective Agreements, hi li dawn jibqgħu applikabbli irrispettivament għal kwalsiasi terminu li dawn ikunu jirreferu għalih u li tali Agreements jibqgħu operattivi u fis-seħħ sakemm ma jinbidlux bi Ftehim ieħor kif anki spjegat fl-affidavit su-riferit ta' Franklin Barbara, Segretarju Ġenerali tal-Malta Union of Teachers li għalih terġa' ssir referenza;*

*7. Illi tenut kont ta' dak kollu hawn fuq spjegat u dak li qed jiġi kkonfermat fid-dikjarazzjonjiet maħlufin u ċioe' l-affidavits rispettivi tar-rikorrenti kif ukoll l-affidavit ta' Franklin Barbara Segretarju Ġenerali tal-Malta Union of Teachers, ir-rikorrenti huma tal-fehma li ma hemm l-ebda raġuni legali valida għalfejn dak provdut fil-Collective Agreement hawn fuq imsemmi b'mod partikolari l-obbligu referibbli għat-terminal benefit li kellu jkun dovut lilhom, ma għandux ikun onorat mill-konvenuti fir-rigward tagħhom, b'hekk l-intavolar ta' din il-kawża.*

*8. Illi kif jirriżulta dikjarazzjonijiet maħlufin bħala affidavits rispettivi tal-atturi rikorrenti u l-provi li għalihom jagħmlu referenza u li huma annessi ma' l-istess affidavits, il-paga gross konfermata ta' sena, ta' kull waħda minnhom, (maħduma skont il-paga ta' sena sħieħa perċepita mir-rikorrenti skont l-iStatements of Earnings rispettivi tagħhom għas-sena 2012 li kienet l-aħħar sena sħieħa li huma ħadmu fl-iskola tal-konvenuta Maria sive Marlene Tua), hi ekwivalenti għall-ammont ta' sittax-il elf, erba' mija u Ewro* ***(€16,401)*** *fir-rigward tar-rikorrenti Maria Antonia Agius I.D. 356559(M), l-ammont ta' tlieta u għoxrin elf, tlitt mija u tnejn u tmenin Ewro* ***(€23,382)*** *fir-rigward tar-rikorrenti Mary Azzopardi I.D. 740852(M) u l-ammont ta'*

*dsatax-il elf, erba' mija u wieħed u tletin Ewro* ***(€19,431)*** *fir-rigward tar-rikorrenti Carmen Micallef Grimaud I.D. 239648(M);*

*1. Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur ta' l-artiklu 167 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Procedura Ċivili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta) peress li l-kreditu kollu huwa ċert likwidu u dovut u fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimati m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu kontra t-talba għall-ħlas ta' l-imsemmi ammont;*

*Għaldaqstant jgħidu l-konvenuti jew min minnhom, għala din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna, m'għandhiex :*

*1. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tagħti sentenza bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawza skond l-Artiklu 167 et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) ;*

*2. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom kisru l-obbligi tagħhom fil-konfront tar-rikorrenti naxxenti mill-Collective Agreement milħuq fid-29 ta' Marzu 2000 bejn il-Malta Union of Teachers u l-iskola konvenuta Garendon School b'mod partikolari dak stipulat fl-artikolu 17 tal-istess Ftehim referibbli għall-obbligu li jitħallas lilhom terminal benefit ekwivalenti għal sena paga kull waħda minnhom, wara l-għeluq tal-iskola Garendon School;*

*3. Tillikwida l-ammont ta' kumpens li għandu jitqies li baqa' dovut lil kull waħda mir-rikorrenti fis-segwenti ammonti ta' sittax-il elf, erba' mija u Ewro (€16,401) fir-rigward tar-rikorrenti Maria Antonia Agius I.D. 356559(M), l-ammont ta' tlieta u għoxrin elf, tlitt mija u tnejn u tmenin Ewro (€23,382) fir-rigward tar-rikorrenti Mary Azzopardi I.D. 740852(M) u l-ammont ta' dsatax-il elf, erba' mija u wieħed u tletin Ewro (€19,431) fir-rigward tar-rikorrenti Carmen Micallef Grimaud I.D. 239648(M) skont dak provdut fl-Artikolu 17 tal-Collective Agreement milħuq fid-29 ta' Marzu 2000 bejn il-*

*Malta Union of Teachers u Garendon School propjeta' tal-konvenut Mary Carmen sive Marlene Tua;*

*4. Tordna lill-konvenuti jew minn min minnhom sabiex iħallsu s-sommom imsemmija u likwidati skont it-tielet talba hawn fuq elenkata u ċioe' ammonti ta' sittax-il elf, erba' mija u Ewro (**€16,401**) fir-rigward tar-rikorrenti Maria Antonia Agius I.D. 356559(M), l-ammont ta' tlieta u għoxrin elf, tlitt mija u tnejn u tmenin Ewro (**€23,382**) fir-rigward tar-rikorrenti Mary Azzopardi I.D. 740852(M) u l-ammont ta' dsatax-il elf, erba' mija u wieħed u tletin Ewro (**€19,431**) fir-rigward tar-rikorrenti Carmen Micallef Grimaud I.D. 239648(M), liema somom huma dovuti rispettivament lil kull waħda mir-rikorrenti fl-ammonti hawn fuq imsemmija, bl-imgħax dekorribbli mill-jum uffiċjali tat-terminazzjoni tal-impjieg tagħhom u ċioe' mill-1 ta' Lulju tas-sena 2013;*

*5. Bl-ispejjeż ta' din il-kawża u tal-ittra uffiċjali tal-24 ta' Jannar 2014 a karigu tal-istess konvenuti jew min minnhom, li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Gunju, 2014 li bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-25 ta' Gunju, 2014;

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota ta' Mary Carmen sive Marlene Tua f'isimha personali kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' Gerendon School datata 25 ta' Gunju, 2014 ai termini tal-artikolu 170(1) tal-Kap 12, li taqra hekk : (vide Fol 98 et seq)

*1. Illi r-rikorrenti f'dina l-kawza qatt ma setghu jipprocedu permezz tal-procedura a bazi tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana peress illi l-ammonti li qed jitlobu **m'huwiex dejn li huwa "cert, likwidu u***

***dovut".*** *Dan jirrizulta addirittura mir-rikors guramentat tar-rikorrenti fejn huma stess ippremettew illi l-intimata qed toggezzjona li thallas dana l-ammont u dana hekk kif jirrizulta fl-ittra ufficjali risponsiva ghall-ittra uffijcali tar-rikorrenti fejn talbu lill-intimata tersaq ghal dan il-hlas - vide Dok "E" u "F" annessi mar-rikors guramentat. Ghalhekk gjaldarba hemm kontestazzjoni, id-dejn qatt ma jista' jitqies bhala wiehed "cert, likwidu u dovut" – (Vide Raphael Fenech Adami vs Go Plc 222/13 per Magistrat M Farrugia datata 23 ta' Awwissu 2013);*

*2. Illi r-rikorrenti thallsu dak kollu li huwa dovut lilhom skont il-ligi in konnessjoni mat-terminazzjoni tal-impjieg taghhom u kif ukoll thallsu l-paga tat-tlett xhur tas-sajf u ghalhekk l-intimata m'ghandha taghti xejn aktar lir-rikorrenti;*

*3. Illi in oltre r-rikorrenti qed jibbazaw il-pretensjoni taghhom fuq klawsola (senjatament klawsola numru 17) li hemm fil-Collective Agreement li* ***effettivament skada fil-wiehed u tletin (31) ta' Awwissu 2002*** *u ghalhekk m'ghadux fis-sehh u ma jistax jigi applikat mir-rikorrenti;*

*4. Illi jekk dato ma non concesso dan il-Collecitve Agreement ghadu in vigore, xorta wahda dawn it-terminal benefits li qed jigu pretizi f'dina l-kawza mir-rikorrenti m'humiex dovuti lilhom ghaliex skont il-klawsola 17 dawn kienu dovuti biss f'kaz illi l-iskola taghlaq, haga li assolutament ma kienx sehh fi zmien in kwistjoni;*

*5. Illi jekk dato ma non concesso dan il-Collecitve Agreement ghadu in vigore u dato ma non concesso li l-klawsola 17 hija fil-fatt applikabbli, wiehed jistaqsi kif u a bazi ta' x'hiex ir-rikorrenti inkonkludew b'mod unilaterali illi sena salarju hija wahda li trid tigi kkalkulata fuq bazi gross (hekk kif ghamlu) u mhux net??*

*6. Dana kollu qed jigi eccepit f'dan l-istadju **b'rizerva assoluta** ghal difizi ulterjuri li jistghu jitressqu fir-risposta guramentata tal-intimata jekk l-istess intimata tinghata l-fakolta' li taghmel dan minn dina l-Onorabbli Qorti."*

Rat ir-risposta ta' Mary Carmen sive Marlene Tua f'isimha personali kif ukoll ghannom u in rappreżentanza ta' Gerendon School datata 11 ta' Lulju, 2014 (Vide Fol 100 et seq) li taqra hekk:

***A. Stqarrija tal-Eccezzjonijet***

*1. Illi preliminarjament l-intimata Marlene Tua f'isimha personali m'hix il-legittimu kuntradittur f'dina l-kawza peress illi r-relazzjoni tar-rikorrenti hija ma' "Garendon School" li hija skola stabbilita skont d-diposizzjonijet relattivi tal-Att Dwar l-Edukazzjoni (Kap 327) u per konsegwenza hija entita' guridika separata u ghaldaqstant l-intimata Marlene Tua f' isimha personali ghandha tigi mehlusa minnufih mill-osservanza tal-gudizzju;*

*2. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost ma hemmx relazzjoni guridika bejn ir-rikorrenti u l-intimata Marlene Tua f'ismiha personali peress illi ir-relazzjoni taghhom hija se mai ma' "Garendon School" (li hija skola stabbilita skont d-diposizzjonijet relattivi tal-Att Dwar l-Edukazzjoni (Kap 327) u per konsegwenza hija entita' guridika separata) hekk kif jirrizulta mill-Collective Agreement datat 29 ta' Marzu 2000 u ghaldaqstant l-intimata Marlene Tua f'ismiha personali ghandha tigi mehlusa minnufih mill-osservanza tal-gudizzju;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti thallsu dak kollu li huwa dovut lilhom skont il-ligi in konnessjoni mat-terminazzjoni tal-impjieg taghhom u kif ukoll thallsu l-paga tat-tlett (3) xhur tas-sajf ghas-sena 2013 u ghalhekk ir-rikorrenti m'ghandhom jithallsu xejn aktar;*

*4. Illi r-rikorrenti qed jibbazaw il-pretensjoni taghhom fuq klawsola numru sbatax (17) fil-Collective Agreement datat 29 ta' Marzu 2000 liema Ftehim*

*effettivament skada fil-wiehed u tletin (31) ta' Awwissu 2002 u ghalhekk m'ghadux fis-sehh u ma' jistax jigi applikat mir-rikorrenti u ghalhekk it-talbiet taghhom ghandhom jigu michuda;*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u jekk dato ma non concesso dan il-Collective Agreement kien ghadu in vigore fiz-zmien it-terminazzjoni tar-rikorrenti, xorta wahda dawn it-terminal benefits li qed jigu pretizi f'dina l-kawza mir-rikorrenti m'humiex dovuti lilhom ghaliex skont il-klawsola sbatax (17) dawn kienu dovuti biss f'kaz illi l-iskola taghlaq, haga li assolutament ma kenitx avverat fi zmien in kwistjoni hekk kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawza;*

*6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u f'kwalunkwe kaz ma hemmx qbil mal-ammonti li qed jigu mitluba minnhom f'dina l-kawza;*

*Salv risposti ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi."*

Semghat ix-xhieda bil-gurament

Rat il-verbal tal-15 ta' Dicembru, 2015 (Vide Fol 205) fejn il-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproduci u din il-Qorti kif preseduta akkordat il-fakolta' lill-partijiet sabiex jipprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet taghhom.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

**Franklin Barbara** xehed permezz ta' affidavit a fol 6 *et seq* tal-process, illi r-rikorrenti huma membri tal-MUT u kienu impjegati bhala ghalliema tal-iskola primarja ma' Garendon School fuq bazi *full time* bil-kondizzjonijiet ta' xoghol regolati permezz ta'

Ftehim Kollettiv iffirmat bejn l-iskola u l-MUT. Spjega illi wahda minn dawn il-kondizzjonijiet hija li jekk l-iskola tinghalaq jew tghaddi ghand sid differenti, l-impjegati tal-iskola ikunu intitolati ghal *terminal benefits* ammontanti ghal paga ta' sena. Kompla illi mill-2002 il-quddiem l-MUT ghamlet diversi tentattivi sabiex jigi rivedut il-Ftehim Kollettiv pero dawn ir-rikjesti qatt ma gew accettati mill-iskola u ghaldaqstant il-Ftehim Kollettiv ezistenti baqa' effettiv. **Zied illi filfatt il-prassi fis-settur hija ill sakemm ikun hemm Ftehim Kollettiv gdid, il-kondizzjonijiet tax-xoghol jibqu' rregolati 'dak li gie miftiehem anke jew il-Ftehim ikun skada.** Zied ukoll illi l-iskola qatt ma notifikathom illi ma tridx li dan il-Ftehim jibqa' jirregola l-impjieg tal-ghalliema.

Xehed ukoll illi lejn it-tmiem tas-sena skolastika 2012/2013 l-intimata Marlene Tua informat lill-ghalliema li kien hemm cans li l-iskola ma tinfetahx ghas-sena skolastika li jmiss u ghalhekk l-MUT kienet ghamlet xi laqghat mal-istess Tua biex jigi diskuss dan is-suggett, u matul liema Tua ma kienetx konsistenti u cara fir-rigward tal-intenzjoni taghha. Kompla li eventwalment gie nformat mill-ghalliema illi Tua kienet tathom ittra fejn informathom illi kienet bi hsiebha li taghlaq l-iskola u li kienet ser **thallashom tal-vaganzi tas-sajf bhala donazzjoni jew kumpens** ***ex gratia,*** u ghalhekk hu kien **ghamilha cara lil Tua li hija kienet filfatt obbligata skont il-Ftehim Kollettiv li taghmel dan il-hlas**. Irrizulta illi minkejja dan, Tua ma hallsitx lill-ghalliema it-*terminal benefits* dovuti lilhom, izda hallsithom biss sa lejlet il-gurnata li kellha tibda s-sena skolastika 2013-2014.

**In kontro-ezami** a fol 190 *et seq* ikkonferma illi l-MUT kellha kuntatt mal-iskola rigward il-Ftehim Kollettiv wara li dan skada. Ikkonferma wkoll **illi l-Ftehim Kollettiv qatt ma gie mgedded**. Ma qabilx illi l-kondizzjonijiet tal-impjieg huma rregolati mill-ligi ghaliex huwa l-Ftehim Kollettiv li jistabilixxi l-parametri, **u f'dan il-kaz l-iskola baqghat topera skont il-Ftehim anke wara li dan skada.** Ikkonferma illi t-terminu li ghalih jirreferi l-Ftehim jfisser illi ghal dawn is-snin ma jistghux jitqajjmu pretensjonijiet godda mill-partijiet. Xehed illi l-MUT kienet qed tinsisti li jkun hemm revizjoni tas-salarji filwaqt illi Tua riedet tkompli ghddeja skont l-istess Ftehim Kollettiv.

**Maria Antonia Agius** xehed permezz ta' affidavit a fol 40 *et seq* illi hija bdiet tahdem bhala ghalliema tal-*kindergarten* mal-iskola Garendon fl-1994 u sussegwentement bhalla ghalliema tal-primarja mill-2007 sal-2013, u dan minghajr kuntratt ta' impjieg bil-miktub, u ukoll minghajr ma qatt kien hemm xi problemi fir-rigward tal-*performance* taghha. Spjegat illi ghal habta tat-2 ta' April 2013, l-intimata Tua kienet sejhet laqgha tal-impjegati fejn kienet informathom illi l-iskola kellha problemi finanzjarji u li ghalhekk kienet ser taghlaq. Kompliet illi darba minnhom kienet staqsiet lill-ghalliema tal-primarja jekk riedux jaqiblu ghal-*kindergarten* izda dan minghajr ma tathom l-ebda dettalji ohra. Minn naha taghha, ix-xhud kienet qalet lil Tua li hija kienet lesta li tghallem fil-*kindegarten* taht l-istess kondizzjonjiet ta' impjieg li kellha pero irrizulta li l-intimata kienet imbaghad zammet ghalliema ohra minflokha. Xehdet illi f'kull laqgha l-intimati kienet tinsisti illi ma kienux intolati ghal *termination benefits* ghaliex il-Ftehim Kollettiv kien skada. Xehdet illi minhabba it-terminazzjoni tal-impjieg taghha hija issa qieghda f'xoghol b'paga inqas ghal dik li kellha meta kienet ghalliema mal-iskola intimata. Ix-xhud ikkonfermat illi hija ma thallsitx *termination benefits*.

**In kontro ezami** a fol 153 *et seq* xehdet illi l-impjieg taghha mal-iskola intimata, minn meta bdiet tghallem bhala ghalliema tal-*kindergarten* sakemm gie tterminat l-impjieg taghha kien wiehed kontinwu. Ikkonfermat illi hija waqfet tahdem mal-iskola intimata f'Gunju 2013, u kienet thallset il-paga dovuta lilha ghal dak is-sajf. Ikkonfermat illi l-Ftehim Kollettiv ma kienx gie mgedded. Fir-rigward tal-paga fis-somma ta' €16,401 msemmija fl-affidavit taghha, xehdet illi dan l-ammont huwa gross ghaliex tal-MUT kienu qalulhom illi t-*termination benefits* jinhadmu fuq il-paga gross.

**Mary Azzopardi** xehdet permezz ta' affidavit a fol 58 *et seq* tal-process illi hija kienet ilha tahdem mal-Gardendon School mis-26 ta' Settembru 1994 sat-30 ta' Gunju 2013 metal-impjieg taghha gie tterminat minhabba illi, kif jinghad fil-formola ta' terminazzjoni tal-ETC *'business closed down'*. Xehdet illi f'Marzu 2013 l-intimata Tua kienet sejhet laqgha tal-impjegati fejn kienet informathom illi l-iskola kellha problemi finanzjarji u li ghalhekk kienet ser taghlaq. Xehdet illi l-intimata kienet tinsisti illi ma kienux intoltati ghal *termination benefits* ghaliex il-Ftehim Kollettiv kien skada, u

filfatt huma qatt ma rcievew tali beneficcju. Ziedet illi hija kien irnexxilha ssib impjieg iehor bhala ghalliema, izda b'introjtu iktar baxx.

**In kontro-ezami** a fol 157 *et seq* ikkonfermat illi l-iskola primarja kienet waqfet topera meta gie tterminat l-impjieg taghhom, u imbaghad saru jafu illi kompliet topera bhala *kindergarten.* Xehdet illi ghalkemm kienu joperaw taht l-istess isem, il-primarja u l-*kindergarten* kienu zewg sezzjonijiet distinti. Ikkonfermat illi l-ammont pretiz minnu huwa gross u mhux net.

**Carmen Micallef Grimaud** xehdet permezz ta' affidavit a fol 73 *et seq* illi hija hadmt bhala ghalliex tal-primarja mal-iskola intimata bejn Ottubru 1990 sat-30 ta' Gunju 2013, u matul dawn is-snin kellha relazzjoni tajba mal-iskola u l-intimata Tua. Xehdet ukoll illi hija ma kellhiex kuntratt ta' impjieg specifiku ghaliex il-kondizzjonijiet tal-impjieg taghha kienu regolati bil-Ftehim Kollettiv illi l-iskola kienet iffirmat mal-MUT. Spjega illi lejn l-Ghid tal-2013 l-intimata Tua kienet sejhet laqgha tal-impjegati fejn kienet informathom illi l-iskola kellha problemi finanzjarji u li ghalhekk kienet ser taghlaq. Kompliet illi ghalkemm Tua kienet baghtitilhom ittra fejn qalet illi ser thallshom il-paga tas-sajf bhala **forma ta' pagament *ex gratia*** meta marru lura l-iskola hija qaltilhom illi filfatt ma kienetx ser thallashom tas-sajf. Xehdet illi l-intimata kienet tinsisti illi ma kienux intoltati ghal *termination benefits* ghaliex il-Ftehim Kollettiv kien skada, u filfatt huma qatt ma rcievew tali beneficcju.

**In kontro-ezami** a fol 161 *et seq* xehdet illi ghalkemm kienu joperaw taht l-istess isem, il-primarja u l-*kindergarten* kienu zewg sezzjonijiet distinti. Ikkonfermat illi l-ammont pretiz minnu huwa gross u mhux net.

**Dr. Noel Vella, Direttur Industrial and Employment Relations xehed a fol 107A *et seq* illi skont il-prassi, it-termini ta' Ftehim Kollettiv jibqu' validi u vigenti anke jekk it-terminu stipulat fil-Ftehim ikun skada, u dan sakemm ma jigu mibdula mill-partijiet ghal Ftehim .**

**In kontro-ezami**, a fol 107C *et seq* ikkonferma ix-xhieda moghtija in ezami rigward il-validita tat-termini ta' Ftehim Kollettiv, minkejja li dan il-Ftehim ikollu perjodu

deftinitiv. Spjega illi dan ghaliex it-terminu li ghalih ikun jirreferi l-Ftehim Kollettiv huwa l-perjodu partikolari meta l-kondizzjonijiet regolati minnu ma jkunux jistghu jigu mibdula.

**Kevin Bonnello, President Malta Union of Teachers** xehed a fol 110 *et seq* illi l-MUT kienet kitbet kemm il-darba lill-iskola intimata sabiex jigi rivedut il-Ftehim Kollettiv wara li dan skada, izda negozjati qatt ma saru. Xehed ukoll illi skont il-prassi, meta Ftehim Kollettiv jiskadi, it-termini tieghu jibqu' validi u vigenti sakemm jigi ffirmat Ftehim Kollettiv gdid, u ta xi ezempji prattici ta' meta din l-uzanza giet applikata. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx hemm xi okkazzjoni fejn din il-prassi ma gietx applikata u l-kondizzjonijiet ta' Ftehim kollettv skadut waqghu, **wiegeb illi dan qatt ma gara.**

**In kontro-ezami** a fol 200 *et seq* xehed illi meta kien president hu kien talab lis-segretarjutal-MUT kemm il-darba biex jikteb lill-iskola biex jigi rivedut il-Ftehim . Ikkonferma illi ghalkemm ma kienx hemm Ftehim Kollettiv gdid, il-prassi accettata fis-settur, u accettata ukoll mid-DIER hija illi l-Ftehim Kollettiv ezistenti jibqa' validu u vigenti sakemm ma jigix iffirmat iehor gdid biex ma jkunx hemm *vacuum.*

**Joseph Saliba, Senior Executive ETC** xehed a fol 110L *et seq* u prezenta it-*termination forms* tar-rikorrenti u spjega illi fuq dawn il-formoli ir-raguni li nghatat ghat-terminazzjoni tal-impjieg kienet illi "business closed down".

**In kontro-ezami** a fol 171 *et seq* xehed illi r-rikorrenti kienu impjegati mal-iskola Garendon u Tua kienet tiffirma ghan-nom tal-iskola.

**Ian Mifsud, Director General Education,** xehed a fol 110O *et seq* illi fil-24 ta' Gunju 2014 id-dipartiment tieghu kien gie informat illi l-iskola ma xtaqitx tkompli topera bhala tali, u ghalhekk illum il-gurnata m'ghandiex licenzja. Xehed illi l-licenzja kienet mahruga fuq Marlene Tua peress illi skont il-ligi din dejjem trid tohrog fuq persuna wahda, u trid tohrog fuq il-kap tal-iskola. Xehed ukoll illi f'Gunju 2013 Tua kienet kitbet li kellha intenzjoni li taghlaq izda mbaghad kien hemm ripensament u iddecidiet li tibqa' topera bhala *kindergarten* biss. **Spjega illi l-iskola kellha licenzja wahda**, u

illi meta tinghata licenzja l-iskola tassumi personalita guridika taghha. Xehed ukoll illi ghas-sena skolastika 2013/2014 l-iskola operat taht l-istess licenzja, li imbaghad effettivament tnehhiet wara Gunju 2014.

**Jesmond Saliba, Assistent Direttur, Dipartiment tal-Edukazzjoni,** xehed a fol 126 *et seq* ili huwa kien attenda laqgha illi Tua kienet talbet ma' Ian Mifsud, fejn kienet informathom b'mod ufficjali bl-intenzjoni taghha li taghlaq l-iskola, u Mifsud talabha illi taghmel din id-dikjarazzjoni bil-miktub. **Ikkonferma illi l-iskola ghalqet ufficjalment fid-data tal-ittra esebita minnu a fol 124, u cioe f'Gunju 2014.**

**Maria Carmen Tua** xehdet a fol 131 *et seq* illi meta kien miet ir-ragel taghha fl-1986 kienet iddecidiet illi tiftah skola, li fethet fl-1987 bi tliet klassijiet, izda mbaghad kompliet tikber minhabba li kienet qed tikber il-popolarita tal-iskola. Spjegat illi fl-1997 l-ghalliema iddeciedew illi jidhlu fl-MUT u riedu li jaghmlu Ftehim Kollettiv. Kompliet illi hija kienet kaxkret saqajha biex jigi ffirmat dan il-Ftehim  peress illi ma kienetx qablet mal-kondizzjoni rigward it-*termination benefits* izda mbaghad qalet illi l-iskola qatt ma kienet ser taghlaq u ghalhekk iddecidiet illi tiffirmah fl-1999. Xehdet illi meta kien skada hija ma tantx kienet inkwetat ghaliex "…*kien hemm you may renew or terminate. Jien la you may I ignored it, three years ghadew, bqajna ghaddejin tajjeb and I put ita t the back of my drawer."* Xehdet illi l-partijiet ma avvicinawx lil xulxin biex jiggedded dan il-Ftehim. Xehdet illi b'dan il-Ftehim  Kollettiv hija giet *on a par* mal-iskejjel pubblici nonostante l-fatt illi l-iskola kienet pjuttost zghira izda baqghet ghaddejja bl-*increments* sena wara sena sal-2010 metama felhitx aktar ghall-piz finanzjarju.

Spjegat illi fl-Ghid tal-2013 kienet giet kostretta tinforma lill-impjegati kollha li kienet ser taghtihom in-*notice* ghaliex ma kienx hemm registrazzjonijiet ta' studenti, u filfatt tathom in-notice fit-8 ta' April 2013. Kompliet illi l-iskola kienet baqghat sejra sal-ahhar ta' dik is-sena skolastika, imbaghad f'Gunju kienet ser tinghalaq l-iskola izda iddecidiet illi tibqa' miftuha b'*kindergarten* biss, izda wara kwistjoni mal-genitur minhabba illi l-MUT kienet qed thedded li ser tiehu azzjoni industrijali, minn dik is-sena stess informat lil genituri s-sena ta' wara l-iskola ma kienetx ser tiftah wara s-sena skolastika 2013/2014. Ikkonfermat illi f'dik is-sena, l-primarja kienet diga spiccat.

Xehdet illi hija kienet accettat li t-thallas l-ghalliema il-paga ghas-sajf izda ma qabitx li thallas *termination benefits* ghaliex il-Ftehim Kollettiv kien ilu li skada mill-2002. Ikkonfermat illi l-iskola ghalqet f'Gunju 2014.

**In kontro-ezami** a fol 139 *et seq* xehdet illi l-iskola kellha tlett licenzji ghaliex l-ewwel wahda kienet ghall-*kinderagrten,* u t-tieni u t-tielet kienu ghal primarja u l-estensjoni taghha rispettivament. Xehdet ukoll illi l-*kindergarten* u l-primarja huma koperti bi Ftehim Kolletiv separat ghaliex l-ghalliema tal-*kindergarten* kienu thajjru jaghmlu wiehed xi tliet sena wara. Insistiet illi l-primarja u l-*kindergarten* kienu skola wahda. Ikkonfermat illi hija ma kellhiex kumpanija u kienet topera f'isimha. Innegat illi l-MUT kienet ikkomunikat maghha biex jiggeded il-Ftehim Kollettiv. Xehdet illi wara li skada il-Ftehim Kollettiv mhux dejjem zammet ezatt mal-kondizzjonijiet, u mistoqsija biex taghti exempji ta' dan qalet illi l-ammont tal-*increments* kien jiddependi fuq il-finanzi tal-iskola, u li fis-sena skolastika l-ghalliema ma ghamlux *summer school* ghalkemm din kienet *compulsory* skont il-Ftehim Kollettiv. Hija kkonfermat illi f'Gunju 2013 l-intenzjoni taghha kienet illi taghlaq l-iskola.

**Ikkonsidrat;**

L-intimata Marlene Tua eccepiet preliminarjament illi hija m'hijiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza, u li hija m'ghandiex relazzjoni guridika mar-rikorrenti peress illi r-relazzjoni tar-rikorrenti hija ma' Garendon School, li hija skola stabbilita skont id-disposizzjonijiet tal-Att Dwar l-Edukazzjoni u ghalhekk hija entita guridika separata.

L-Artikolu 20 (5) tal-Att Dwar l-Edukazzjoni jipprovdi illi:

> **"[k]*ull min japplika għal-liċenza taħt dan l-artikolu bil-ħsieb li jiftaħ skola li tkun enti morali bi statut għalih, <u>għandu jiddikjara dan il-ħsieb fl-applikazzjoni tiegħu li magħha għandu jkun hemm kopja tal-istatut</u>, u f'dan il-każ l-għotja ta' liċenzja***

***lil min japplika titqies prova konklusiva li l-iskola hija enti morali.***"

Minn dan l-artikolu jidher car illi filfatt huwa possibli illi skola ikollha personalita guridika distinta taghha. Pero jidher illi dan ma jsirx b'mod awtomatiku kif qed targumenta l-intimata Tua izda biss jekk tigi segwita l-procedura stabbilita fis-sub-inciz 5 tal-Artikolu 20 tal-att imsemmi. Ghalhekk biex Garendon School titqies illi ghandha personalita guridika distinta ried jigi provat illi meta Tua applikat ghall-licenzja biex tiftah Garendon School, hija ddikjarat illi riedet tiftah skola li tkun enti morali bi statut ghaliha, u tannetti mal-applikazzjoni kopja tal-istitut. L-intimata ma ressqet l-ebda prova f'dan is-sens u ghalhekk din il-Qorti ma tistghax tkun moralment konvinta illi Garendon School kellha personalita guridika distinita.

Ghalhekk, l-ewwel u t-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimata Tua qed jigu michuda.

**Ikkonsidrat;**

L-intimati eccepew ukoll illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda peress illi huma bbazata fuq il-klawsola 17 tal-Ftehim Kollettiv datat 29 ta' Marzu 2000, liema Ftehim skada fl-2002 u ghalhekk m'huwiex iktar applikabbli.

Fit-trattazzjoni tal-kawza irrizulta illi hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet fir-rigward ta' kif u meta ghandu jitqies illi jkun skada Ftehim Kollettiv. Numru ta' xhieda gew prodotti biex jixhdu fuq dan il-punt, u cioe Frankln Barbara, Kevin Bonello u Dr. Noel Vella, id-Direttur tad-DIER, illi kollha kkonfermaw illi tezisti prassi li l-kondizzjonijiet ta' Ftehim Kollettiv jibqu' validi u vigenti sakemm ma jigi iffirmat Ftehim Kollettiv gdid, anke jekk it-terminu tal-Ftehim originali ikun skada, ghaliex f'dak it-terminu tal-iskadenza huwa meqjus illi partijiet huma marbuta b'obbligi li ma jressqux pretensjonijiet ulterjuri fl-istess perjodu tal-iskadenza.

L-intimati jargumetaw fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom illi din il-prassi hija wahda sempliciment u umlateralment adottata mill-Union. Pero jirrizulta mix-xhieda ta' Dr.

Noel Vella illi filfatt din il-prassi hija adottata anke mid-DIER, u cioe minn dipartiment pubbliku, xhud indipendenti mill-Union.

Gie argumentat ukoll mill-intimati illi prassi ghandha forza tal-ligi biss fl-ambitu ta' *acts of trade,* u ghalhekk m'ghandha l-ebda applikabbilita f'dan il-kaz peress illi hawnhekk non si tratta ligi kummercjali, u li anke li kieku, ma jezistux l-elementi necessarji sabiex il-prassi tiehu s-sahha tal-ligi.[1]

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi m'huwiex minnu li l-prassi hija accettata biss fil-ligi ta'l-kummerc. Filfatt, fis-sentenza fl-ismijiet **Albert Mizzi noe vs Anthony Camilleri noe** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Gunju 1961, referenza ghal valur tal-konswetudini fl-interpretazzjoni tal-ligi saret fir-rigward tal-ligi fiskali, fejn il-Qorti rreferiet ghal:

> '…*massima komuni, minn zminijiet antiki ripetutamet espressa minn awturi u gudikanti…"observantia multum auctoritatis habet pro statutorum et legum interpretatione"…u "observantia est optima statuti interpres"*…."

Mill-istess sentenza jirrizulta illi l-elementi necessarji ghall-applikabilita' tal-konswetudini mill-Qorti huma:

1. Il-kliem tal-ligi ma jkunux cari;
2. L-osservanza tkun ghal zmien diskretament twil u ma tkunx att izolat;
3. L-osservanza trid tkun univoka;
4. L-osservanza trid tkun *rite probata.*

Il-Qorti tibda biex tirrileva illi fl-ambitu kontrattwali, hija l-ligi stess illi tipprovdi li l-kontraenti jistghu ikunu marbutin anke b'applikazzjoni tal-konswetudini. Dan jidher mill-artikolu 933 tal-Kodici Civili illi jipprovdi li:

[1] Vide nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati a fol 240 u 241

> "[i]*l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u* ***jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni*** *skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità,* ***bl-użu*** *jew bil-liġi."*

Ghalhekk dak li l-Qorti trid tistabilixxi filfatt tezistix tali konswetudini jekk hemmx lok ghall-applikazzjoni tal-konswetudini f'dan il-kaz.

Il-klawsola 3b tal-Ftehim Kolletiv tipprovdi illi:

> "**[a]*****t any time after 28/02/2002*** *either party may give to the other notice in writing expressing its wish for the Agreement to be extended for a further period or its intention to terminate the Agreement after the expiry date. In the latter case both parties will begin to negotiate a new Agreement,* ***provided that until such a date as a new Agreement is signed the present Agreement shall continue in force****.*"

Il-Qorti taghraf illi minkejja li d-*drafting* ta' din il-klawzola huwa infelici ghall-ahhar, bl-uzu tal-kelma *"may"* li jaghti wiehed x'jifhem illi din l-klawzola 3B setghat kienet fakoltattiva u mhux mandatorja, t-tifisra ntrisika tal-istess artikolu huwa abbastanza car.

L-intimata Tua bhala manifestazzjoni tal-fatt li hi ma hasitiex marbuta mal-Ftehim Kollettiv "wara li skada", tat zewg ezempji ta' dan: u cioe' sostniet illi fis-sena 2013 ma zammitx *summer school* izda l-ghalliema xorta wahda gew imhallsa tax-xhur tas-sajf, u dan, nonostante l-fatt illi skont il-Ftehim Kollettiv l-ghalliema kienu marbuta li jaghtu l-hidma taghhom fis-*summer school;* l-intimata qalet ukoll illi hija ma kienetx isegwi il-Ftehim fir-rigward tal-*increments* fis-sens illi kienet taghti *increment* skont kemm riedet hi.

Wara ezami tal-Ftehim Kollettiv, il-Qorti tqis illi fil-fatt, kondizzjoni li **tinzamm *Summer School* ma tezistix fil-Ftehim Kollettiv**. Il-Qorti tqis ukoll li l-ghalliema kienu jithallsu tax-xhur tas-sajf **ghaliex dan kien dritt taghhom.** Il-Qorti ssib illi bhala

stat ta fatt, l-ghalliema tal-iskola intimata ma kienux marbuta li jaghtu l-hidma u x-xoghol taghhom fis-*summer school,* u ghamlu dan bla hlas, bil-***buona volonta*** **u b'sens kbir ta' lealta lejn l-iskola.** Ghal rigward tal-*increments,* din il-Qorti tifhem illi l-fatt li l-intimata hallset *increments* juri, minnu innifsu, **li l-intimata kienet ghada qed isegwi il-Ftehim Kollettiv**.

Il-Qorti hi tal-fehma inoltre illi fuq preponderanza tal-provi jirrizulta car illi l-intimat riedet tittermina dan il-Ftehim il-ghaliex sabet ruha f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja u pprovat taghmel l-ghalmu taghha biex teghleb il-problemi finanzjarji izda ma rnexxilhiex. Illi f'dawn ic-cirkostanzi jiskatta l-Artikolu 3B tal-Ftehim Kollettiv - fis-sens li jekk wiehed mill-partijiet xtaq jittermina l-istess Ftehim Kollettiv jew jitlob l-estensjoni tieghu, sakemm jigi ffirmat Ftehim gdid ***"the present Agreement shall continue in force"***.

Illi ghalhekk, il-kelma "*may*" intuzat il-ghaliex **kienet tirreferi ghal zewg eventwalitajiet u cioe r-renovazzjoni tal-Ftehim jew it-terminazzjoni tieghu, u mhux il-ghaliex il-klawzola kienet fakoltattiva**. Dan huwa evidenti ukoll il-ghaliex l-klawzola 3B tirreferi **ghaz-zmien sussengewenti** ghall-iskadenza tal-Ftehim, tant hu hekk illi l-klawzola innifisha tibda "**[a]*t any time after 28/02/2002"***.

Il-Qorti tqis inoltre illi d-dicitura ta' din il-klawsola tikkorrobora t-testimonjanza tax-xhieda prodotti mir-rikorrenti cioe, illi fil-qasam tal-Ftehim Kollettiv tezisti prassi illi l-Ftehim jibqa' validu u vigenti sakemm jigi iffirmat wiehed gdid, liema prassi tezisti sabiex jigi zgurat illi ma jinholqux *vacuums* fir-regolament tal-kondizzjonijiet ta' xoghol ta' impjegati. Mix-xhieda prodotti mir-rikorrenti jirrizulta illi l-elementi kollha necessarji ghall-applikazzjoni tal-konswetudini jezistu u l-intimata ma ressqet l-ebda prova li titfa li xi dell ta' dubbju fuq dan, u allura l-Qorti tinsab moralment konvinta mill-ezistenza ta' konswetudini illi Ftehim Kollettiv jibqa' validu u vigenti sakemm jigi ffirmata Ftehim iehor, anke fil-perjodu tal-iskadenza tieghu.

Ghalhekk din l-eccezzjoni tal-intimati qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

L-intimati eccepew ukoll illi r-rikorrenti m'huwiex intolati ghall-beneficcji pretizi minnhom peress illi l-iskola m'ghalqitx. L-intimati jargumetaw illi galadarba l-iskola baqghat miftuha ghall-sena bhala *kindergarten,* l-artikolu 17 ma japplikax ghaliex l-iskola m'ghalqitx[2].

Il-Qorti tibda biex tirrileva **illi kienu l-intimati stess li indikaw l-gheluq tal-iskola bhala r-raguni ghat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti <u>fil-formala relattiva li kellha tigi sottomessa lil ETC</u>**. Ghalhekk kienu l-intimati stess li attiraw l-applikabbilita' tal-Artikolu 17 tal-Ftehim Kollettiv. Barra minn hekk, huwa relevanti wkoll il-fatt illi ghalkemm huwa minnu li l-iskola baqghat miftuha bil-*kindergarten* biss ghall-sena skolastika ohra wara li gie tterminat l-impjieg tar-rikorrenti, **l-intimata Tua *ex admissis* xehdet illi hija sahansitra kienet infurmat lill-ghenituri illi f'Gunju l-iskola kienet ser taghlaq definittivament.**

In vista ta' dan kollu, hija fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-intimati ma jistghux jinhbew wara l-fatt illi l-iskola baqghat miftuha biss fil-*kindergarten* ghal sena wara li tterminat l-impjieg tar-rikorrenti (u del resto l-ghalliema tal-primarja kollha l-ohra) biex b'xi mod jipprovaw jizvinkolaw rwiehom mill-obbligi taghhom u ma jhallsux lir-rikorrenti dak li huwa dovut lilhom skont il-Ftehim Kollettiv. Kieku l-Qorti kellha taccetta l-argument tal-intimati, tkun qed taghti lok ghal abbuz tad-drittjiet ta' impjegati, billi taghti lill-*employer* l-opportunita li juza tattiki simili sabiex jistultifika l-applikazzjoni ta' Ftehim minnu iffirmat u ma jhallas lill-impjegati dak li huwa dovuti lilhom. Il-Qorti tqis li filfatt dan l-argument huwa sintomatiku tan-nuqqas ta' apprezzament da parti tal-intimati versu r-rikorrenti, li taw il-hidma u lejalta lill-intimati u lejn l-iskola, b'responsabbilita konsiderevoli fejn ir-rikorrenti kienu minn jeddhom u bla hlas, sahansitra jaghmlu supervizjoni tal-ghawm tal-istudenti fil-pixxina waqt is-*summer school.*

Ghalhekk din l-eccezzjoni qieghda wkoll tigi michuda.

[2] Vide fol 241 u 242 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati

**Ikkonsidrat;**

Rigward il-*quantum* pretiz, l-intimati jargumentaw illi l-ammont dovut lir-rikorrenti ghandu jkun imnaqqas peress illi dan huwa *gross*, u skont il-Ftehim ghandu jkun *net* tat-taxxa. L-intimati pero ma jispjegawx kif waslu ghal din il-konkluzjoni li zgur ma tirrizultax mill-Ftehim Kollettiv.

Il-Qorti tqis illi l-ammont pretiz mir-rikorrenti huwa korrett u ma hemm lok ghal ebda tnaqqis galdarba dan jirrifletti s-salarju ta' sena li kien jkunu intitolat ghalih li kieku l-iskola m'ghalqitx, u mill-Ftehim Kollettiv ma jirrizultux illi r-referenza ghal paga (inkluz f'postijiet ohra fl-istess Ftehim, per ezempju f'*Schedule* A), hija ghal paga *net* u mhux *gross*. Jibqa mpregudikat pero kwalunkwe dritt u ammont illi huwa dovut mir-rikorrenti lill-Awtoritajiet koncernati qua taxxa u kontribuzzjonijiet tas-sigurta' socjali.

Ghalhekk anke din l-eccezzjoni qed tigi respinta, u konsegwentement jirrizulta illi t-talbiet tar-rikorrenti huma fondati u jimmeritaw illi jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati u filwaqt li tichad l-ewwel talba tar-rikorrenti, ghal dispensa tas-smiegh ghat-tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap 16 tal-Kodici Civili ta' Malta tilqa' l-bqija tat-talbiet tar-rikorrenti u;

1. tiddikjara illi l-intimati kisru l-obbligi tagħhom fil-konfront tar-rikorrenti naxxenti mill-klawsola 17 tal-Collective Agreement milħuq fid-29 ta' Marzu 2000 bejn il-Malta Union of Teachers u l-iskola konvenuta Garendon School referibbli għall-obbligu li jitħallas lilhom *termination benefits* ekwivalenti għal sena paga kull waħda minnhom, wara l-għeluq ta' Garendon School;

2. tillikwida l-ammont ta' kumpens dovut lir-rikorrenti bhala '*termination benefits*' skont il-Ftehim Kollettiv tal-29 ta' Marzu 2000 fis-segwenti ammonti: sittax-il elf, erba' mija u Ewro (€16,401) fir-rigward tar-rikorrenti Maria Antonia Agius; tlieta u għoxrin elf, tlitt mija u tnejn u tmenin Ewro (€23,382) fir-rigward tar-rikorrenti

Mary Azzopardi; u dsatax-il elf, erba' mija u wieħed u tletin Ewro (€19,431) fir-rigward tar-rikorrenti Carmen Micallef Grimaud;

3. Tordna lill-intimati ihallsu s-somma ta' sittax-il elf, erba' mija u Ewro (€16,401) lil Maria Antonia Agius; tlieta u għoxrin elf, tlitt mija u tnejn u tmenin Ewro (€23,382) lil Mary Azzopardi; u dsatax-il elf, erba' mija u wieħed u tletin Ewro (€19,431) lil Carmen Micallef Grimaud bl-imghax dekoribbli mill-11 ta' Gunju 2014 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tal-intimati.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

*U permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Marzu 2017, l-okkju tal-kawza ghandu jaqra Garendon School, u mhux Gardenia School.

** U permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Marzu 2017, in-numru tal-karta tal-identita ta' Carmen Micallef ghandu jaqra 239648M mhux 236648M.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**